**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta’ sessjoni*

**A10-0010/2024**

17.10.2024

# ***II
# RAKKOMANDAZZJONI GĦAT-TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni)
(08311/2024 – C10-0114/2024 – 2013/0186(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Jens Gieseke, Johan Danielsson



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA ............................................................7

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA.........................................................................................................7

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA ..........................................................................................8

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM ...................................................................................................9

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ........................................................10

VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .......11

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (riformulazzjoni)**
**(08311/2024 – C10-0114/2024 – 2013/0186(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (08311/2024 – C10-0114/2024),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0410),

– wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2020)0579),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2020)0577 – 2020/0264(COD)),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A10-0010/2024),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Iqis li, minħabba l-inkorporazzjoni tal-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2020)0577 f'dik il-pożizzjoni, il-proċedura leġiżlattiva 2020/0264(COD) skadiet;

3. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-*

---
[1] ĠU C 378, 9.11.2017, p. 546.

*Unjoni Ewropea*;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali u għas-setgħat tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-abbozz tal-baġit, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni biex tipproponi fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali l-ħolqien ta' linja baġitarja ta' appoġġ amministrattiv addizzjonali taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE), iffinanzjata mill-approprjazzjonijiet disponibbli tal-FNE kif identifikati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva pprovduta mill-Kummissjoni. Din il-linja baġitarja l-ġdida tkun tkopri l-kost tal-aġenti kuntrattwali u nfiq amministrattiv ieħor għas-Segretarjat tal-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, il-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u l-Bord ta' Kooperazzjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali bħall-assistenza teknika, il-kostijiet tal-esperti, il-kuntratti għall-forniment tad-data, l-istudji esterni u għal servizzi ta' konsulenza addizzjonali, filwaqt li l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal ser jiġu ffinanzjati mil-linja baġitarja amministrattiva taħt l-Intestatura 7, b'rispett sħiħ tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali. Sa fejn ikun possibbli, tali finanzjament taħt l-FNE għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-fondi diġà allokati fl-aħħar Programm ta' Ħidma dwar it-Trasport tal-FNE.

Il-finanzjament taħt l-FNE ta' aġenti kuntrattwali u nefqiet amministrattivi oħra għas-Segretarjat tal-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni, il-Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni u l-Bord ta' Kooperazzjoni tal-Awtoritajiet Superviżorji Nazzjonali ma għandux jistabbilixxi preċedent għall-finanzjament tas-Segretarjat ta' bordijiet oħra. Ma għandu jippreġudika bl-ebda mod l-arranġamenti ta' finanzjament li għandhom jiġu miftiehma fil-qafas tar-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti l-ftehim milħuq bejn il-Parlament u l-Kunsill fin-negozjati interistituzzjonali fl-istadju bikri tat-tieni qari. It-test maqbul kien ir-riżultat ta' negozjati kumplessi iżda l-koleġiżlaturi laħqu test ta' kompromess sodisfaċenti bl-għan li jistabbilixxu dispożizzjonijiet biex is-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-ġestjoni tan-network jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika. Il-miri tal-prestazzjoni tal-UE dwar il-kapaċità, il-kosteffiċjenza, il-fatturi klimatiċi u ambjentali għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru se jiġu żviluppati mill-Kummissjoni u l-prestazzjoni ta' dawn is-servizzi fir-rigward ta' dawn il-miri se tiġi rieżaminata mill-inqas kull tliet snin.

Se jiġi stabbilit Bord ta' Analiżi tal-Prestazzjoni konsultattiv indipendenti biex jgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru biex itejbu l-ġestjoni tan-network tal-ispazju tal-ajru tal-UE, li se jkollu miri u inċentivi vinkolanti biex it-titjiriet isiru aktar effiċjenti u ekoloġiċi.

Il-ftehim jistabbilixxi wkoll li l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u l-awtorità superviżorja nazzjonali jistgħu jkunu parti mill-istess organizzazzjoni dment li jkunu separati funzjonalment u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza. L-Istati Membri jistgħu jgħaqqdu l-funzjonijiet ta' sorveljanza ekonomika u tas-sikurezza fl-istess entità amministrattiva u jistgħu jawtorizzaw il-ftuħ ta' ċerti servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mal-kundizzjonijiet tas-suq.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteurs jiddikjaraw, taħt ir-responsabbiltà eskluživa tagħhom, li ma rċevew l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew (Riformulazzjoni) |
| **Referenzi** | 08311/1/2024 – C10-0114/2024 – 2013/0186(COD) |
| **Data tal-ewwel qari tal-PE – Numru P** | 12.3.2014 T7-0220/2014 |
| **Abbozz ta' att eżaminat fl-ewwel qari** | COM(2013)0410 - C7-0171/2013 |
| **Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja ta' meta l-Parlament irċieva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari** | 10.10.2024 |
| **Kumitat(i) responsabbli** | TRAN |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jens Gieseke 30.9.2024<br>Johan Danielsson 30.9.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 14.10.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 30<br>–: 1<br>0: 5 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Oihane Agirregoitia Martínez, Adrian-George Axinia, Tom Berendsen, Rachel Blom, Nikolina Brnjac, Nina Carberry, Benoit Cassart, Anna Maria Cisint, Vivien Costanzo, Johan Danielsson, Valérie Devaux, Siegbert Frank Droese, Jens Gieseke, Borja Giménez Larraz, Sérgio Gonçalves, Sophia Kircher, Luis-Vicențiu Lazarus, Julien Leonardelli, Milan Mazurek, Ştefan Muşoiu, Philippe Olivier, Matteo Ricci, Arash Saeidi, Andreas Schieder, Rosa Serrano Sierra, Kai Tegethoff |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Arno Bausemer, Asger Christensen, Norbert Lins, Lena Schilling, Tomas Tobé |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Fredis Beleris, Katrin Langensiepen, Hélder Sousa Silva, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Marion Walsmann |
| **Data tat-tressiq** | 17.10.2024 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 30 | + |
|---|---|
| ECR | Adrian-George Axinia |
| NI | Luis-Vicențiu Lazarus |
| PPE | Fredis Beleris, Tom Berendsen, Nikolina Brnjac, Nina Carberry, Jens Gieseke, Borja Giménez Larraz, Sophia Kircher, Norbert Lins, Hélder Sousa Silva, Tomas Tobé, Marion Walsmann |
| PfE | Rachel Blom, Anna Maria Cisint |
| Renew | Oihane Agirregoitia Martínez, Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Marie-Agnes Strack-Zimmermann |
| S&D | Vivien Costanzo, Johan Danielsson, Sérgio Gonçalves, Ştefan Muşoiu, Matteo Ricci, Andreas Schieder, Rosa Serrano Sierra |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Lena Schilling, Kai Tegethoff |

| 1 | - |
|---|---|
| The Left | Arash Saeidi |

| 5 | 0 |
|---|---|
| ESN | Arno Bausemer, Siegbert Frank Droese |
| NI | Milan Mazurek |
| PfE | Julien Leonardelli, Philippe Olivier |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni